**MIĊU L-QATTUS**
Kliem u Mużika ta' Michael Piscopo

Miċu l-Qattus
Miċu l-Qattus
Par widnejn għall-ponta
U denbu tal-bellus.
Miċu l-Qattus
Miċu l-Qattus
Par widnejn għall-ponta
U denbu tal-bellus.

Iqum filgħodu kmieni
Mal-ewwel raġġ tax-xemx
Imur dawra bir-rota
Għax jgħid li isbaħ m'hemmx
Milli tgawdi n-natura
U tagħha tkun ħabib,
Għalhekk la jasal lura
Jixrob tazza ħalib!
*Jixrob tazza ħalib!*
Tan-natura ħabib
U għalhekk jixrob il-ħalib!

Glu glu glu glu glu glu glu glu
glu glu glu glu glu

Miċu l-Qattus
Miċu l-Qattus
Par widnejn għall-ponta
U denbu tal-bellus.
Miċu l-Qattus
Miċu l-Qattus
Par widnejn għall-ponta
U denbu tal-bellus.

Miċu lejn l-iskola
Kuljum imur kuntent
Iħobb jagħmel is-somom
U xi esperiment.
Jixtieq li meta jikber
Isir xjenzat famuż
U jsib mod effiċjenti
Kif jaqbad in-nemus!
*Kif jaqbad in-nemus!*
Isir xjenzat famuż
U jsib kif jaqbad in-nemus!

*Biżż biżż biżż biżż biżż biżż biżż biżż*
*Biżż biżż biżż biżż biżż*

*(Instrumental)*
Miċu l-Qattus
Miċu l-Qattus
Par widnejn għall-ponta
U denbu tal-bellus.

Miċu għandu *tablet* lewn il-fidda
Illi jieħdu miegħu kullimkien
Ħlief meta ma' sħabu Fonzu u Lola
Joħorġu jilagħbu ġo xi ġnien.
U taf xi jwieġeb Miċu 'kk tistaqsih?
Anke l-kompjuter għandu bżonn jistrieħ.

*Aaaaaaaaaaaaaaaaaa …*

Miċu l-Qattus
Miċu l-Qattus
Par widnejn għall-ponta
U denbu tal-bellus.
Miċu l-Qattus
Miċu l-Qattus
Par widnejn għall-ponta
U denbu tal-bellus.

Miċu l-Qattus
Miċu l-Qattus
Par widnejn għall-ponta
U denbu tal-bellus.
Miċu l-Qattus
Miċu l-Qattus
Par widnejn għall-ponta
U denbu tal-bellus.

Par widnejn għall-ponta
U denbu tal-bellus.

*5/05/2014*